EUROPA TOURS

5 t’ijiem

Puglia, Matera & Padre Pio

Skopri s-seħer tal-Puglia, bejn bliet bojod, irħula pittoreski u xenarji mill-isbaħ mal-baħar. Vjaġġ li jgħaqqad l-istorja u t-tradizzjonijiet ta’ Matera u Alberobello mal-ġmiel tal-Valle d’Itria u żjarat ta’ devozzjoni f’Monte Sant’Angelo u San Giovanni Rotondo.

Grupp A: 15–19 ta’ Marzu

Grupp B: 29 t’April – 03 ta’ Mejju

Grupp Ċ: 24–28 ta’ Ġunju

Grupp D: 26–30 t’Awwissu

Grupp E: 09–13 ta’ Settembru

Grupp F: 14–18 t’Ottubru

Polignano a Mare

Alberobello

L-ewwel jum – Monopoli u Polignano a Mare

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta għat-titjira diretta tar-Ryanair FR7108 lejn Bari, li titlaq fis-06.30 u naslu fit-08.10. Wara li niġbru l-bagalji, nitilqu bil-kowċ lejn Monopoli, belt sabiħa mal-kosta Adrijatika. Nagħmlu mixja fiċ-ċentru storiku, fejn naraw Piazza Vittorio Emanuele, il-katidral, il-promenade ta’ Santa Maria, il-Castello Carlo V u l-Porto Vecchio, bid-dgħajjes tas-sajd li jagħtuh dehra tant pittoreska. Wara ftit ħin liberu nkomplu lejn Polignano a Mare, magħrufa għad-djar mibnija fuq l-irdumijiet għoljin fuq il-baħar. Nagħmlu mixja tul Via Roma u fit-toroq dojoq taċ-ċentru storiku, u ngawdu l-veduti mit-terrazzi panoramiċi. Naraw ukoll il-monument iddedikat lil Domenico Modugno, il-kantant famuż tal-kanzunetta Volare, il-knisja prinċipali u Piazza Garibaldi. Wara nkomplu lejn il-Hotel Crystal Palace 4★ f’Andria, fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar u jkollna d-Dinner.

L-ewwel jum għal Grupp A – Trani

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta għat-titjira diretta tar-Ryanair FR7108 lejn Bari, li titlaq fil-11.15 u naslu fin-12.35. Wara li niġbru l-bagalji, nitilqu bil-kowċ lejn Trani, belt eleganti magħrufa għall-port pittoresk u l-katidral tagħha mibni ħdejn il-baħar. Matul il-mixja tagħna naraw il-Villa Comunale, il-katidral u s-Supportico della Conca, passaġġ karatteristiku fil-qalba taċ-ċentru storiku. Ikollna ħin liberu biex ingawdu l-atmosfera tal-belt qabel inkomplu lejn il-Hotel Crystal Palace f’Andria. Sistemazzjoni tal-kmamar, Dinner u wara ħarġa mal-leader.

It-tieni jum – Monte Sant’Angelo u San Giovanni Rotondo

Wara l-breakfast nitilqu lejn Monte Sant’Angelo, fejn inżuru l-Għar u s-Santwarju ta’ San Mikiel Arkanġlu, post importanti ta’ pellegrinaġġ. Ikollna ħin għat-talb personali u biex induru mat-toroq karatteristiċi ta’ din il-belt. Wara ngħaddu mix-xenarji sbieħ taż-żona tal-Gargano u nkomplu lejn San Giovanni Rotondo, magħrufa għar-rabta tagħha ma’ San Padre Pio. Hawn inżuru l-knejjes u l-mużew relatat mal-ħajja tiegħu. Ikollna ħin liberu għall-Lunch, għat-talb u għax-xiri ta’ tifkiriet. Fl-aħħar tal-ġurnata nirritornaw lejn il-hotel f’Andria għad-Dinner, u wara ħarġa mal-leader.

It-tielet jum – Altamura u Matera

Wara l-breakfast nitilqu lejn Altamura, belt storika magħrufa għall-ħobż tradizzjonali tagħha, il-Pane di Altamura. Nagħmlu mixja fiċ-ċentru storiku, fejn naraw il-Katidral ta' Santa Maria Assunta, it-toroq dojoq u l-btieħi karatteristiċi magħrufa bħala claustri. Ikollna ftit ħin liberu biex ingawdu l-atmosfera tal-belt u forsi nduqu xi prodotti lokali.

Wara nkomplu lejn ir-reġjun tal-Basilicata biex inżuru Matera, belt affaxxinanti magħrufa għad-djar u l-knejjes imħaffrin fil-blat. Nagħmlu mixja fiċ-ċentru storiku u fiż-żona tas-Sasso Caveoso, b'veduti li jfakkruna f'xeni bibliċi. Ikollna l-opportunità li nżuru dar tradizzjonali u kripta mħaffrin fil-blat (entraturi extra). Ħin liberu għall-Lunch u biex inkomplu niskopru l-belt. Wara nirritornaw lejn il-hotel għad-Dinner.

Ir-raba' jum – Ostuni, Locorotondo u Alberobello

Wara l-breakfast nitilqu għal ġurnata mill-isbaħ fil-Valle d'Itria, magħrufa għall-irħula bojod, l-għelieqi u d-djar tradizzjonali tagħha. L-ewwel inżuru Ostuni, magħrufa bħala La Città Bianca. Nagħmlu mixja minn Piazza della Libertà lejn it-toroq dojoq imdawra bid-djar bojod u ngawdu l-veduti mill-belveder. Ħin liberu biex ingawdu l-atmosfera ta' din il-belt. Inkomplu lejn Locorotondo, wieħed mill-isbaħ irħula tal-Italja, fejn nagħmlu dawra mal-leader fost toroq miżmuma tajjeb, djar bojod u gallariji mżejna. Wara nitilqu lejn Alberobello, magħrufa mad-dinja kollha għat-trulli, id-djar tradizzjonali tal-ġebel bis-soqfa koniċi. Inżuru ż-żona ta' Rione Monti, parti mis-sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO, fejn insibu konċentrazzjoni kbira ta' dawn id-djar partikulari. Ikollna ħin liberu għax-xiri ta' tifkiriet jew għal kikkra kafè qabel nirritornaw lejn Andria għad-Dinner.

Il-ħames jum – Bari

Wara l-breakfast inħallu l-hotel bil-bagalji u nitilqu lejn Bari, il-belt kapitali tal-Puglia. Nagħmlu mixja mal-promenade u nidħlu fil-qalba ta' Bari Vecchia, bit-toroq dojoq, il-pjazez żgħar u l-atmosfera tradizzjonali tagħha. Inżuru l-Bażilika ta' San Nikola u jkollna ħin liberu f'Via Sparano, waħda mit-toroq prinċipali għax-xiri. Wara nkomplu lejn l-Ajruport ta' Bari għat-titjira tar-Ryanair FR7197, li titlaq fis-17.50 u naslu lura Malta fis-19.10.
Għal Grupp A: It-titjira tar-ritorn FR7197 titlaq minn Bari fis-16.10 u naslu Malta fis-17.30.

Prezz kull persuna

Prezz Skontat

Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi Inklużi

Kamra ta' tliet persuni	**€835**
Kamra ta' żewġ persuni	**€840**
Kamra ta' persuna waħda	**€890**
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti	**€770**
Suppliment Grupp B, Ċ, D	**€30**

Il-prezz jinkludi

Titjiriet diretti tar-Ryanair lejn Bari u lura
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
Erbat iljieli fil-Hotel Crystal Palace 4★ f'Andria
Buffet breakfast kuljum • Dinner kull filgħaxija fil-hotel
Taxxi tal-ajruport • Tour leader • Insolvency protection

Il-prezz ma jinkludix

City tax • Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains eċċ.

Jista' jkun hemm tibdil fl-ordni tal-eskursjonijiet minħabba ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.